# *Aġenda Laqgħa Annwali 2024*

Ftuħ - Diskors Sindku Żejtun Sinjura Joan Agius

Diskors Segretarju Parlamentari Sinjura Alison Zerafa Civelli

Qari ta' Proza-**Il-Manuċċa ttir mar-Rih** - jaqra Sur Glenn Chircop

Qari ta' Rapport Amministrattiv u Finanżjarju sena 2023- Taqra Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout

Inawgurazzjoni tal-kalamiti rapprezentattivi tal-Lokalitajiet

Inawgurazzjoni tat-2 Edizzjoni tal-Ktieb Il-Kult Marjan

Kant mis-Sur Lior Schembri

Preżentazzjoni ta' Proġetti ġodda sena 2024/2025

Rikonoxximenti

Diskors mill-President Sur Jesmond Aquilina

Tmiem il-laqgħa

# RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV

# SENA 2023

**11 ta' Settembru 2024**

# Werrej

Introduzzjoni ....4
**Viżjoni**....4
**Missjoni**....4
1. Il-Kunsill Reġjonali Leġislatura 4....5
1.3 Rapporti Finanżjarji ....8
1.4 Laqgħat ma' Ministeri u Entitajiet Oħra....8
2. Il-Ħidma mill-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill ....8
2. Miżura Servizzi Professjonali ....11
2.1 Summarju tal-ħidma Uffiċjali Maniġerjali ....13
2.1.2 Ħidma Maniger tal-Kultura ....15
2.1.3 Ħidma Maniġer Fondi Lokali u Ewropej....17
2.1.4 Ħidma Maniġer tal-IT....19
2.1.5 Ħidma Maniġer Ambjent ....23
2.1.6 Ħidma Maniġjar ta' l-iskart ....24
3. Ħidma ta' Tribunal Reġjonali ....25
4. Uffiċjal Ħarsien ta' L-animali....25
5. Xogħol ta' manutenzjoni mwettqa mit-tim ta' Kunsill Reġjonali....26
6. Laqgħa/ Seminars....27
7. Insaħħu ir-relazzjonijiet ma Reġjuni f'pajjiżi oħra....32
8. Rapport Finanzjarju ....33
9. Konklużjoni ....36

# Introduzzjoni

## Viżjoni

Li tinkiseb attitudni professjonali, empatika u koerenti fis-servizzi pprovduti għas-sodisfazzjon tar-residenti u l-klijenti.

## Missjoni

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar jimpenja ruħu li jipprovdi servizzi effiċjenti li jkunu adattati għall-istil ta' ħajja tal-lum. Filwaqt li jimpenja ruħu li kull resident/klijent jesperjenza kwalita' fis-servizz mogħti kif ukoll assistenza b'mod affidabbli u konsistenti. Il-Kunsill jistinka biex jikseb l-aqwa livell fis-servizzi offruti minnu kif ukoll sapport għall-benessri tal-komunità kollha.

## 1.0 Il-Kunsill Reġjonali Leġislatura 4

### Introduzzjoni

Għeżież President, Viċi President, Sindki u Kunsilliera is-segwenti huwa rapport ta' ħidma amministrattiva, inizjattivi u xogħolijiet li saru mill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar matul is- sena 2023. Il-ħidma tikkorrispondi ma' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill matul din sena u li huwa ffurmat mill-President Jesmond Aquilina, Viċi President/ Sindku tal-Gudja Dr Marija Sara Vella Gafa, Sindku Ħal Qormi Nutar Josef Masini Vento, Sindku Żejtun Sinjura Doris Abela, Sindku Birżebbuġa Sur Scott Camilleri, Sindku Marsaxlokk Sur Steven Grech, Sindku Marsascala Sur Chev. Mario Calleja, is-Sindku Ħamrun Sur Christian Sammut, is-Sindku Santa Venera is-Sur Stephen Sultana, is-Sindku Ħal Luqa Sur John Schembri, is-Sindku Ħal Għaxaq Darren Abela u Sindku Santa Luċija Kapt. Charmaine St John. Ir-Rabá Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar huwa kompost minn 12 -il Lokalita u dan beda jopera b'effett mill-1 ta'Jannar 2022 u t-terminu tiegħu jiskadi fis-sena 2029, konformi mar-riforma li seħħet fl-2019.
Skond ċifra maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika il-popolazzjoni kienet stmata li tlaħħaq 120,000 persuna.

Fil-binja tal-Kunsill Reġjonali wieħed isib ukoll is-sede tat-Tribunal Reġjonali bir-responsabbiltajiet kollha skond l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Reġjonali, dan huwa wkoll immexxi mis-Segretarju Eżekuttiv. L-operat tal-uffiċini huwa strutturat sabiex tinħoloq sinerġija għal aktar ħidma effiċjenti u effettiva. L-uffiċju tas-Segretarju Eźekuttiv, jinkludi l- Assistant Prinċipal u Uffiċjal Eżekuttiv, l-uffiċju tat-Tribunal Reġjonali huwa mmexxi mir- Reġistratur (Deputat Segretarju Eżekuttiv) fejn din hija assistita min Deputat Reġistratur, Skrivan u Skrivan partime. L-uffiċju maniġerjali huwa kompost min sitt maniġers fl-oqsma tal- ambjent, l-immaniġġjar tal-proġetti, il-kultura, l-immaniġġjar tal-iskart,

it-teknoloġija tal- informatika u fondi lokali u Ewropej. It-tim tal-manutenzjoni hu iffurmat minn Supervisor u żewġ ħaddiema ikoll impjegati tal-RSSL. Il-Kunsill Reġjonali ingaġġa miegħu uffiċjal tal- Komunità għall-ħarsien tal-annimali. Din is-sena kienet sena impenjattiva b'diversi sfidi fejn bdew jitwettqu funzjonijiet ġodda skond Direttiva 5/2019, waqt li wkoll inbeda l-proċess ta' tfassil ta' diversi proġetti infrastrutturali. Skattat ukoll il-kumpilazzjoni t'applikazzjonijiet għal fondi fuq diversi proġetti oħra. Referenza għal dawn it-temi tinsab iktar l-isfel f'dan ir- rapport.

## Ħidma tal-Kunsill Reġjonali

### 1.1 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

**Tabella tal-attendenza ta' Sindki/ Kunsilliera matul 2023**

| Tabella t' Attendenza 2023 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
| President Jesmond Aquilina | 13 | 13 | | |
| Viċi President /Sindku Gudja Marija Sara Vella Gafà | 13 | 12 | 1 | |
| Sindku Birzebbuga Scott Camilleri | 13 | 10 | | |
| Kunsillier Birzebbuga Simon Buttigieg | 13 | 2 | | |
| Kunsillier Birzebbuga Alexander Caruana | 13 | 1 | | |
| Sindku Ħal Għaxaq Darren Abela | 13 | 11 | 2 | |
| Sindku Ħamrun Christian Sammut | 13 | 3 | 3 | |
| Kunsilliera Ħamrun Carmen Borg | 13 | 4 | 2 | |
| Kunsillier Ħamrun Vince Bonello | 13 | 1 | | |
| Sindku Santa Luċija Charmaine St John | 13 | 9 | 1 | |
| Viċi Sindku Santa Luċija Frederick Cutajar | 13 | 3 | | |
| Sindku Ħal Luqa John Schembri | 13 | 3 | | |
| Kunsilliera Ħal Luqa Maria Magri | 13 | 7 | | |
| Kunsilliera Ħal Luqa Lucia Massa | 13 | 3 | | |
| Sindku Marsa Josef Azzopardi | 13 | 7 | 6 | |
| Sindku Marsaskala Mario Calleja | 13 | 4 | 2 | |
| Kunsillier Marsaskala Charlo Mifsud | 13 | 7 | | |
| Sindku Marsaxlokk Steven Grech | 13 | 9 | 4 | |
| Sindku Ħal Qormi Josef Masini Vento | 13 | 8 | 2 | 3 |
| Sindku Santa Venera Stephen Sultana | 13 | 9 | 4 | |
| Sindku Zejtun Doris Abela | 13 | 10 | 3 | |

### 1.2 Pjan ta' Ħidma Proġettat għal Ħames Snin

Il-Pjan ta' ħidma tal-Kunsill jiġi evalwat kull sena u jerġa' jitfassal bil-proġetti u azzjonijiet, miri u strateġiji għall-ħames snin sussegwenti.

### 1.3 Rapporti Finanżjarji

Ir-rapporti finanzjarji dejjem ġew ippreżentati fil-ħin u skond il-proċeduri mitluba. Dawn jinsabu kollha aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit tal-Gvern Lokali.

### 1.4 Laqgħat ma' Ministeri u Entitajiet Oħra

Minbarra l-laqgħat tal-Kunsill, inżammu laqgħat oħra li għenu sabiex tiġi iffaċilitata l- ħidma tal-Kunsilli Lokali fosthom mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l- Gvern Lokali, id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, l- Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, l-Aġenzija LESA, u oħrajn.

## 2.0 Il-Ħidma mill-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

L-uffiċju ta' Segretarju Eżekuttiv huwa kompost min Segretarju nnifsu, Assistant Prinċipal u Uffiċjal Eżekuttiv, permezz tas-sinerġija u l-ħidma konġunta jassiguraw illi l-operat tal-Kunsill jaħdem b'mod effiċjenti. Matul din is-sena kien hemm tibdil f 'tmexxija ta' Segretarju Eżekuttiv u mill-1 ta' April 2023 l-uffiċju beda jitmexxa min Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Dan ix-xogħol jikkonsisti fiż-żamma tad-dokumenti li jinkludu l-Agenda tal-laqgħat, Minuti, xiri u pagamenti, payroll, customer care, dokumentazzjoni oħra relatata ma' l-operat ta' riżorsi umani, żamma ta' rekords fuq skemi u ħlasijiet, pagamenti relatati ma' xogħol tat-Tribunal, posta u posta elettronika.

Bħala kommunikazzjoni ma Ċittadin l-uffiċju amministrattiv jara li b'modd frekwenti jippubblika posts fuq Facebook u jikkorrispondi fuq messenger sabiex iżomm liċ-ċittadini aġġornati b'temi tal-ġurnata u informazzjoni edukattiva.

Sabiex il-Kunsill Reġjonali isir aktar effiċjenti investa f'titjieb ta' software relatat maż-żamma ta' sistema tal-accounts.

Min din sena l-uffiċċju amministrattiv kien ferm impenjat minħabba li bdew jiġu proċessati il-fatturi ta' l-iskart. Dan ix-xogħol issir mil Assistent Prinċipal b' kollaborazzjoni ma maniġer ta' l-iskart. L-assistant Prinċipal tagħti rendikont kull xahar ta' sitwazzjoni kurrenti tal-ħlasijiet ta' l-iskart, dan apparti xogħol ieħor relatat ma' l-accounts ta' Reġjun. L-uffiċjal eżekuttiv ukoll bdiet tassisti b'tasks ġodda relatati ma customer care fejn jirrelata ma complaints ta' l-iskart. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie mogħti dmirijiet ġodda mid-DLG fejn qiegħed jagħmel xogħol ta' data controller meta jintalbu indirizzi elettroniċi ġodda mil-Kunsilli lokali f'ħdan ir-Reġjun.

Kif kien ġie stabbiliet f'sena ta' qabel, is-segretarju eżekuttiv bl-assistenza tal-proġett maniġer ħadu ħsieb li jagħtu l-assistenza u kontribut lil Università ta' Malta sabiex tinġabar l-informazzjoni neċessarja (data) għal kompilazzjoni ta' rapport li jittratta l- valutazzjoni ta' l-impatt Soċjali.

Ir-reġjun kompla jissaħħaħ fil-kompetenzi tal-istaff tiegħu u dak ta' uffiċjali oħra li jaħdmu fil-Kunsilli madwar ir-regjun, hekk kif f'Diċembru iċċelebrajna il-gradwazzjoni ta' Reġistratur Dulcie Gauci, Deputat Reġistratur Ruth Galea u Assistant Prinċipal Maria Aquilina f' Diploma in Management and Governance. Prosit u Awguri

Tenders/MoU Matul is-2023**-** inħarġet sejħa fuq EPPS tendering platform u ġew ukoll iffirmati żewġ MoUs u Framework Agreement. Min nofs is-sena 2022 inbidel il-proċess sabiex meta jkun ser isir xiri b'stima t'iktar min għaxar t'elf (10,000), il-Kunsilli Reġjonali huwa obbligat li jagħmel referenza għas-Sectoral Procurement Unit (Schedule 2) sabiex isir l- iskrutinju tal-istess proċess.

| **Referenza** | **Titlu** |
|---|---|
| SPD5.2023.016 | Supplies Tender for the Purchase of One (1) New Electric Vehicle for the southern Regional Council |
| MOU LESA | The Southern Regional Council and the Local Enforcement System Agency regarding the reimbursement of Expenses related to Local Tribunals |
| MOU Archiodese ta' Malta | eBook Chapels of the South |
| MOU ta' naħla Maltija | Appoġġ: In-Naħla Maltija bħala l-Insett Nazzjonali |
| RFQs | Inħarġu numru ta' RFQs relatati mal-operat ta' Regjun kif ukoll numru ta RFQs relatati ma sena ta' l-Kultura |

## 2. Miżura Servizzi Professjonali

Matul is-sena 2023 l-uffiċjali maniġerjali komplew bil-ħidma tagħhom skond ir-riforma tal-2019, dik li jagħti għajnuna teknika u professjonali lill Kunsill f'ħdan ir-reġjun. L-għajnuna professjonali lill Kunsilli Lokali kompliet tissaħħaħ biss servizz li qed jingħata min l-nġinier ingaġġat mar- Reġjun.

It-tim maniġerjali attenda għal kors ta' induzzjoni organizzat mid-direttorat għall-gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Waqt dan il-kors il-maniġers segwew sessjonijiet dwar proċessi u proċeduri li jiltaqaw magħhom waqt il-ħidmithom. Dawn is-sessjonijiet kienu preżentati kapijiet ta' dipartimenti. F 'tmiem dan il-kors il-maniġers ħadmu fuq preżentazzjoni li għad u ntbagħtet lil Dipartiment.

Permezz tas-servizz professjonali offrut mill-maniġers Reġjonali beda jħalli l-frott mixtieq hekk kif bosta Kunsilli fi ħdan ir-Regjun irrikorrew għall-pariri varji kif ukoll għajnuna fil-formulazzjoni t'applikazzjonijiet fuq numru ta' skemi u inizjattivi.

It-tim Maniġerjali qed ikun strumentali sabiex ikun ta' pont bejn id-Dipartment tal-Gvern Lokali u l-kunsilli speċjalment f'dak li jirrigwarda l-ġbir tal-informazzjoni. Fl-operat tiegħu it- tim maniġerjali ippreżenta diversi proposti lill-Kunsill sabiex jissarfu fi proġetti u inizjattivi meħtieġa għall-benessere taċ-ċittadini madwar ir-Reġjun.

Għaldaqstant l-ippjanar ħa svolta ta' *bottom up approach* fejn it-tim maniġerjali qed ikun it- think tank, billi jeżamina u jistudja sew il-proposti qabel ma dawn jiġu preżentati lill-Kunsill Reġjonali sabiex tittieħed id-deċiżjoni finali.

Fl-implementazzjoni ta' proġetti jew inizjattivi l-operat maniġerjali jaħdem fil-format ta' tim, kemm jekk kultura, fondi, ambjent, IT, proġetti u skart, il-maniġer rispettiv ikollu l-għajnuna ta' maniġers oħra kif ukoll impjegati oħra li jassistuh f'ħidmietu. F'attivitajiet kbar jagħtu l-għajnuna tagħhom ukoll l-staff ta Tribunal.

## 2.1 Summarju tal-ħidma Uffiċjali Maniġerjali

### 2.1.1 Ħidma ta' Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-Proġetti

Din is-sena kienet waħda impenjattiva ferm bħala Regjun fejn komplejna bil-ħidma tagħna sabiex nassistu lill-kunsilli Lokali fi ħdan ir-Regjun kif ukoll ix-xogħol kollu marbut ma l-operat tal-istess Regjun. Hawn minn qalbi rrid nirringrazzja lill-President tar-Reġjun is-Sur Jesmond Aquilina kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tal-għajnuna u s-sotenn kontinwu li nsib min-naħa tagħhom.

**Ħidma li saret matul din is-sena.**

- Ħidma Fuq l-operat Amministrattiv ta' kulljum jinvolvi logistika u qadi ieħor neċessarju hekk kif assenjat mis-Segretarju Eżekuttiv.
- Organizzazzjoni t'inventarju tal-għodda kollha li jippossedi r-Reġjun sabiex ikun hemm kollox strutturat. Sar investiment ieħor fuq xiri t'għodda sabiex ikompli jiffaċilita' xogħol tal-ħaddiema tal-manutenzjoni fi ħdan ir-Regjun.
- Kordinament ta' xogħol ta' manutenzjoni b'ħidma konġunta ma' diversi Kunsilli Lokali f'lokalitajiet differenti kif ukol fil-binja Amministrattiva tar-Regjun. Priorità għax-xhur li ġejjin dawk il-lokalitajiet li għadhom qatt ma bbenefikaw minn dan is-servizz li qed ikun offrut mir-Reġjun.
- Ħidma konġunta flimkien mal-Amministrazzjoni fuq il-proġett tal-Binja Amministrattiva.
- Assistenza u ħidma flimkien mal-istaff Amministrattiv ta' 5 Kunsilli rispettivi fuq il-proġett tal-Latrini Awtomatiċi. Bl-għan aħħari li dawn il-proġetti jkunu kompletati fil-ħin u kif ukoll li l-proġetti jilħqu l-kriterji stabiliti.

- Ivverifikar fuq id-dokumentazzjoni kollha mibgħuta mill-Kunsilli għar-rigward diversi skemi Amministrati mir-Reġjun.
- Kordinament u proċessar tal-Iskema tar-rifużjoni għal servizzi ta' CPD, Pulizija u LESA waqt l-attivitajiet. Rifużjoni immedjata u pproċessar fil-ħin ta' kull talba li tkun saret b'mod konġunt mal-persuna inkarigata mill-finanzi fi ħdan ir-Reġjun.
- Kordinament u assistenza fuq implimentazzjoni t'inizzjattivi varji li jaqgħu taħt dekasteri differenti ewlenin fosthom il-kultura u l-ambjent.
- Ħidma konġunta flimkien mal-Amministrazzjoni Ċentrali ma' diversi entitajiet pubbliċi sabiex jiġu sfruttati opportunitajiet varji li minnhom igawdu I-Kunsilli rispettivi fi ħdan l-istess Reġjun.
- Ħidma b'mod konġunt mal-Amministrazzjoni sabiex ikunu regolarizzati l-kuntratti kollha mal-lands fuq propjetajiet li ġew devoluti mid-Dipartiment tal-artijiet lill istess Reġjun.
- Bidu ta' ħidma li qed issir sabiex tkun irrestawrata l-faċċata tar-remissa f'San Rafel. Binja li hija devoluta lill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar. Laqgħat konġunti mal-LESA li ser isiru apposta sabiex titwitta t-triq li permezz tagħha jinkisbu l-fondi neċessarji għal dan il-proġett.
- Sabiex issir identifikazzjoni iktar ħolistika ta' Reġjun u il-lokalitajiet f'ħdanu, bdiet tiġi kompulata lista ta' tabelli Merħba/Saħħa. Din l-inzjativa qed issir sabiex il-quddiem issiru tabelli ġodda li jkunu jinkludu l-arma ta' Reġjun.

### 2.1.2 Ħidma Maniger tal-Kultura

Is-Sena 2023 kienet sena fejn bħala Reġjun Nofsinhar iċċelebrajna l-titlu bħala Reġjun Kulturali tan-Nofsinhar. Din kienet l- ewwel sena li reġjun ġar dan it-titlu għal sena sħiħa. Matul din is-sena sibna id-diversita ta' kull lokalita li tifforma parti mir-Regjun Nofsinhar imma fl-istess ħin sibna ukoll dak kollu li jaqqadna bħala Regjun. Sena impenjattiva, imma sena fejn tgħallimna ħafna, kif ukoll Sena li urietna li kull lokalità tar-Regjun Nofsinhar għanda xi ħaġa unika x'toffri. Karatteristika li tagħmlu uniku mhux biss fir-reġjun imma anke f'Malta. Sena fejn flimkien mal-kunsilli lokali fi ħdan ir-reġjun għamilna l-fuq minn 27 attività kulturali. Fil fatt, it-tir tagħna fl-attivitajiet kollha li saru din is-sena saru bi ħsieb fejn xtaqna li nħallu legat. L-attivitajiet kienu ibbażati fuq 4 pilastri:

- **Ngħatu lura l-ispazji miftuħa**
  - Għalhekk l-attivitajiet tar-Reġjun kulturali kienu pjanati fi pjazez tal-lokalitajiet, ġonna, u postijiet storiċi li setgħu jitgawdew mill-komunità kollha.
- **Niżirgħu żerriegħa ta' Kurżita'**
  - B'dan f'moħħna pruvajna nqajmu tradizzjonijiet li għaddew minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni. Pjanajna l-atttivtajiet għal kulħadd imma iffukajna dejjem l-aktar fuq it-tfal fejn dawn kienu parteċipi f'ħafna mill-attivitajiet li għamilna.
- **Kultura Parteċipattivi**
  - Dejjem ħdimna biex il-komunita lokali, l-NGOs, artisti, kif ukoll il-pubbliku inġenerali ikunu parti minn dawn l-attivitajiet biex b'hekk insaħħu parteċipazzjoni tan-nies fil-kultura

- **Futur Reġjonali**
    - F'dak kollu li għamilna tul din is-sena fejn iċċelebrajna il-kultura fir-Reġjun tan-Nofsinhar dejjem ħsibna għal futur u x'legat stajna nħallu bdak kollu li ngħamlu. Ħarisna dejjem lejn l-impatt li ħallejna fuq il-komunità u kif stajna nsaħħu dan il-legat għal ġenerazzjoni futura.

Dan kollu sar bil-linji gwida tal-istrateġija kulturali nazzjonali.

Dawn kienu l-attivitajiet li saru:

- Ftuħ tas-Sena Kulturali f'Bir Miftuħ
- Mużikal bl-isem ta' Sebħ in-Nofsinhar miftuħ għal kulħadd. B'mużika u lirika oriġinali, li l-għada sar ukoll għal anzjani
- Festival tal-inbid
- Karnival għat tfal
- Tiġrijiet taż-żwiemel
- Seminar fuq il-Ġimgħa mqaddsa
- Ftehim mal-UOM fuq studju ta' parteċippazjoni
- Kunċert minn Pjazza Teatru Rjal
- Open Day ta' siti ta' Din l-Art Ħelwa
- Il-Manuċċa ttir Maż-Żmien
- Tisjira Xlukkajra
- Espressjoni Żifna
- Lejla mbaħħra
- Sports u mobilita
- Dawra f'Casal Curmi
- Difiza tal-Gudja fil-gwerra
- Attivita tal-għeluq
- Il-Ħolqa
- Nursery tournament għan-nurseries fir-reġjun

### 2.1.3 Ħidma Maniġer Fondi Lokali u Ewropej

**Min 1 ta' April il- Maniġer tal-Fondi Ewropej kienet qed is-servi f'rwol ta' Aġent Segretarju Eżekuttiv**

- Tagħmel riċerka rigward fondi eliġibbli kemm dawk min skemi lokali u programmi Ewropej.
- Tibgħat l-informazzjoni relatata lill-Kunsilli Lokali.
- Tara li min idejat fuq proġett dan attwalment jiġi mfassal u mplimentat.
- T'assisti lill-Kunsill sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet ta' skemi u proġetti.
- Tfassal tenders, Kwotazzjonijiet u xogħol kollu relatat sakemm issir il-kuntratt finali.
- Matul din sena inbeda xogħol fuq l-implementazzjoni ta' proġett **eBook of Religious Heritage A collection of traditional Chapels in the Southern** fejn permezz tiegħu ġew diġitilizzati ta' 54 l-Kappella f' 9 Lokalitajiet fir-Reġjun, li huma wkoll membri tal-Fondazzjoni Galxlokk. Il-ħidma kollha ta' dan il-proġett ġiet kordinata mill-istaff ta' Reġjun, fejn il-maniġer responsabbli mil-fondi Ewropej kien assistit min Project Assistant Christine Mansueto, IT Maniġer Marlon Abela, Proġett Maniġer Matthew Mallia u l-ħaddiema tal-manutenzjoni li waħħlu tabelli ta' informazzjoni mal-kappelli b' kollaborazzjoni ta' Project Leader. Nixtiequ nirringrazzjaw lil Kunsilliera Maria Magri li kienet ta' għajnuna kbira fil-fażi ta' teknika relatata ma l-evalwazzjoni ta' tenders. Dan il-proġett tlesta hu saret it-tnedija tiegħu f' 5 ta' Diċembru 2023. Jista' jiġi aċċessat min din link:

  https://flipbooks.appraiser.center/flip-book/12866/475480

- Inbeda ix-xogħol ta' kitba teknika u vetting fuq tender ta' TENDER FOR THE SOUTHERN REGIONAL COUNCIL'S ADMINISTRATIVE BUILDING REHABILITATION. Fuq dan it-tender il-maniġer ħadmet b' kollaborazzjoni mal- Perit, l-Inġinier u SPD. Sfortunatament dan it -tender tfaċċa ma ħafna sfidi burokratiċi fejn ħafna mil-istaff ta' Unit inbidel u vetting waqa lura.
- Saret ħidma konġunta flimkien ma' Jobsplus sabiex ġie krejat kors ġdid Award in Office Administration MVQ 4 fejn ser ikun ta' benefiċċju għall-ħaddiema tal-Kunsilli. Dan il-kors ġie varat f'Settembru 2023
- Flimkien mal-Maniġer inkarigat mill-qasam tal-iskart, ġew sottomessi proġetti b' kunċett li jiġu nstallati underground skips madwar ir-Reġjun kollu.
- Flimkien ma Maniġer ta l-IT ġie sottomess proġett sabiex jiġi mfassal program u tkun faċilitata l-ħidma ta' Sindki, Kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi, tinħoloq effiċjenza fl-operat tal-Kunsill, tiżdied il-komunikazzjoni b' mod strutturat u titnaqas l-użu tal- karta.

### 2.1.4 Ħidma Maniġer tal-IT

## Verifika tal-Websajt tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

Wara verifikazzjoni riċenti li saret mill-MTA għar-rigward il-websajt tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, ġie skopert li l-istess websajt ma kinitx aċċessibbli.

Wara rapport dettaljat, deher ċar li kien meħtieġ titjib biex jiġi żgurat li l-websajt tkun aktar aċċessibbli għal individwi bi bżonnijiet speċjali. Bħala riżultat, ġiet organizzata fil-pront laqgħa mal-persuna inkarigata mis-sit elettroniku tal-Kunsill Reġjonali biex jiġu diskussi u implimentati dawn il-bidliet kruċjali. Għaldaqstant sar titjib sinifikanti fl-aċċessibbiltà tas-sit elettroniku tagħna biex niżguraw li kulħadd jista' jagħmel użu tajjeb kif ukoll li l-esperjenza ta' meta jaċċessa dan is-sit elettroniku tkun waħda tajba.

Dawn il-bidliet jinkludu:

1. L-aġġustament tad-daqsijiet tat-tipa madwar is-sit kollu li permezz tiegħu wieħed ikun jista' jaqra l-kliem aħjar.
2. Titjib tal-iskema tal-kulur biex ittejjeb il-kuntrast u l-viżibilità.
3. Żieda ta 'test alternattiv għall-immaġini għal appoġġ imtejjeb għall-qarrej tal-iskrin.
4. L-implimentazzjoni tan-navigazzjoni tat-tastiera TAB biex tiffaċilita l-ibbrawżjar.
5. L-introduzzjoni ta' Plugin t'Aċċessibilità li jagħti s-setgħa lill-utenti sabiex jippersonalizzaw id-daqsijiet tat-tipa u jagħżlu skemi ta' kuluri li jaqdu l-aħjar għall-preferenzi u l-bżonnijiet tagħhom.

Jagħti l-utenti l-abbiltà li jżidu d-daqs tat-tipa u jagħżlu skemi ta' kuluri differenti skond id-diffikultajiet tal-utent.

Ġa la darba tlestew l-aġġustamenti meħtieġa, intbagħtet imejl biex tikkonferma dawn il-bidliet. Madankollu, minħabba l-perjodu ta' żmien skedat għall-verifiki tal-istess sit elettroniku, ma nistgħux inwettqu valutazzjoni oħra sal-verifika skedata li jmiss fi żmien sitt xhur.

**Aġġornament tal-Windows 11**

Riċentament waqt Konferenza tal-MITA, saret diskussjoni estensiva dwar it-transizzjoni imminenti għal Windows 11 fi ħdan l-organizzazzjoni tagħna. Saret enfasi fuq il-ħtieġa li l-work stations tax-xogħol kollha fi ħdan il-kunsill lokali jiġu aġġornati għal Windows 11. Sabiex tkun faċilitata din it-transizzjoni, ħloqt lista tal-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-workstations tal-Kunsill Lokali rispettivi biex niżguraw il-kompatibilità tagħhom mal-Windows 11.

Workstations li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi għall-Windows 11 qed jitneħħew. Permezz ta’ kollaborazzjoni mal-IMU u l-LGD, ġew fornuti diversi workstations tax-xogħol lill-impjegati tal-Kunsilli Lokali li b’mod effettiv qed isolvu kwistjonijiet assoċjati mal-funzjonament ħażin u mal-operat bil-mod ta’ workstations tax-xogħol antiki fi ħdan il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar.

Il-proċess kontinwu ta’ sostituzzjoni ta’ Workstations tax-xogħol li fadal kompla għaddej biex ikun żgurat li dawn kollha jiġu aġġornati.
Huwa kruċjali li din it-transizzjoni għal Windows 11 hija meħtieġa qabel Ottubru 2025 hekk kif Windows 10 qed toqrob lejn it-tmiem tagħha minn Microsoft.

## Disinn Diġitali waqt Reġjun tal-Kultura

Fl-2023, ir-Reġjun tan-Nofsinhar ġie onorat bit-titlu "Reġjun tal-Kultura." Matul is-sena, ġew organizzati b’mod metikoluż serje t’avvenimenti. Għaldaqstant kelli l-opportunità li nikkollabora mal-Maniġer tal-Kultura biex niżviluppa firxa ta’ materjali viżivi għal okkażjonijiet.

Dan kien jinvolvi l-ħolqien ta’ firxa wiesgħa ta’ viżwali bħal posters, logos, fuljetti diġitali, dokumenti tal-kodiċi QR, banners, stediniet għal dawk li attendew u editjar tal-vidjows kif ukoll sistema tal-biljetti waqt avvenimenti biex ikollna stampa ċara ta’ dawk kollha li ser jattendu.

Barra minn hekk, ħadt il-kompitu li niġbor bosta vidjows biex nipproduċi filmati komprensivi kemm għall-kunċert tax-Xemx u baħar kif ukoll għall-avveniment il-Qibla.

Fir-rwol preċedenti tiegħi, kont inkarigat li noħloq paġna ta' merħba A3 faċli għal dawk kollha li jagħmlu użu minnha għal kull avveniment. Dan sar permezz li b'mod prominenti kienet tidher kodiċi QR. Dan id-disinn innovattiva ippermetta lil dawk li attendew sabiex jiskennjaw il-kodiċi b’mod konvenjenti bl-ismartphones tagħhom u jaċċessaw il-programm tal-kunċert b’mod diġitali.

Dan mhux biss issimplifika l-proċess għal dawk li attendew, iżda wera wkoll l-impenn tagħna għas-sostenibbiltà ambjentali billi naqqas b'mod sinifikanti l-użu tal-karta.

## Tender ta’ Network Infrastructure fil-Kunsilli Lokali

Ġiet imnieda sejħa għall-offerti għall-infrastruttura tan-netwerk fil-kunsilli lokali biex tiġi aġġornata l-infrastruttura tan-netwerk, li kienet tinvolvi diversi titjib bħall-installazzjoni ta’ cables CAT6, portijiet ethernet ġodda, u punti ethernet CCTV, kif ukoll l-implimentazzjoni ta’ kabinett tan-netwerk ġdid u ġetjoni tal-cables CAT6.

L-IMU għarrfitni bl-inkarigu tiegħi biex tmexxi t-tender tal-infrastruttura tan-network li għaddej bħalissa fil-Kunsilli Lokali. Bħala parti minn din ir-responsabbiltà, ġejt inkarigat biex nikkordina laqgħat mas-Servizzi tal-ICT u kif ukoll biex imwettaq żjarat fuq il-post fl-istess Kunsilli Lokali li jaqgħu taħt ir-Reġjun tan-Nofsinhar.

Matul dawn iż-żjarat, ikkollaborajt fil-qrib ma’ rappreżentant tas-servizzi tal-ICT biex niġbor informazzjoni dettaljata dwar l-installazzjoni ta’ kabinetti tan-network ġodda, l-identifikazzjoni tal-punti tan-network f’kull skrivanija, u kif ukoll l-ippożizzjonar tal-punti tal-kameras CCTV.

Il-ħidma tagħna kienet faċilitata bl-użu ta’ pjanti tal-bini pprovduti mill-Kunsill Lokali u pjan ta’ network imħejji mis-servizzi tal-ICT.
Filwaqt li l-operat ta’ diversi Kunsilli Lokali ġew imtejjba b’suċċess, sfortunatament, iż-żmien tal-offerti skada, għaldaqstant fadal xi Kunsilli Lokali li għandhom qed jistennew li jsir dan it-titjib.

Bħalissa qed nistennew il-ftuħ mill-ġdid tat-tender sabiex jiġu finalizzati l-upgrades pendenti għall-bqija tal-Kunsilli Lokali.

### 2.1.5 Ħidma Maniġer Ambjent

**Min Mejju 2023 sa Diċembru 2023 il-Maniġer ta' l-Ambjent beda jaħdem ukoll f'rwol ta' Maniġer fuq l-operat ta' l-iskart.**

**ESPON Targeted Analysis VREPO**

Għalkemm qed isiru sforzi kbar biex id-dinja taddatta ruħha għal bidla fil-klima, huwa xorta waħda inevitabbli li nbatu l-konsegwenzi kawża ta' dan it-tibdil, f'Malta mhux ser tkun eċċezzjoni. Dan il-proġett li qed isir bi sħab m' entitajiet fil-Belġju, Litwanja u l-Olanda, għandu l-iskop li jiżviluppa strateġiji li jgħinu fl-irkupru u li jimmitigaw il-problemi li jinħolqu wara dawn it-tip ta' diżastri. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea.

**Social Impact Assessment fuq GIS**

Ir-Rapport t' Impatt Soċjali kummissjonat mir-Reġjun Nofsinhar b'mod konġunt mal-Università' ta' Malta qed jinqaleb għal verżjoni diġitali biex din l-informazzjoni tkun tista' tidher fuq mappa li tagħti lok għal aktar analiżi.

**Waste Infringement Reporter**

Qed tiġi żviluppata applikazzjoni għal fuq il-mowbajl biex il-Kunsilli Lokali ikunu jistgħu jirrappurtaw kontravenzjonijiet relatati mal-ġbir ta' l-iskart.

**Tracking of Waste Vehicles**

Saret applikazzjoni biex ir-reġjun ikun jista' isegwi b'mod dirett il-movimenti tat-trakkijiet li jiġbru l-iskart. Din l-applikazzjoni tagħti l-informazzjoni tax-xufier, numru tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni tat-trakk u l-lokazzjoni fil-ħin reali.

### 2.1.6 Ħidma Maniġjar ta' l-iskart

**Kif indikat iktar qabel dan il-rwol beda issir mil-Maniġer ta' l-Ambjent min Mejju 2023 sa Diċembru 2023**

- Din is-sena kienet karatterizzata bil-bidu ta' l-operat tas-sistema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart.
- Saru diversi laqgħat mal-kuntrattur sabiex jiġi żgurat li l-ġbir qed issir b'mod effiċjenti.
- Ġiet installata linja ġdida ta' telefon sabiex taqdi mistoqsijiet relatati ma l-iskart.
- Ġie introdott indirizz ġdid elettroniku sabiex il-korrispondenza relatata mal-iskart tkun kollha allokata f'post wieħed.
- Ġiet formulata tabella rigward l-iskeda ta' l-iskart bl-lingwi differenti. Id-disinn sar u riċerka saret mil IT maniġer
- Saru diversi laqgħat t' informazzjoni mal- Wasteserve, ERA, Dipartiment ta' Gvern Lokali u il-PROs
- Fuq Facebook ta' reġjun bdiet tittella' informazzjoni dwar l-iskeda u ta' kif għandu jiġi separat l-iskart
- Kull xahar bdew jiġu formulati fatturi lil kull kunsill dwar l-ispiża ta' l-iskart, dan wara li maniġer jeżamina ir-rapporti li Reġjun jirċievi mingħand il-Wasteserve u rapporti oħra mingħand il-kuntrattur.
